KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGHAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGHA NUMRU 35

Il-ħamsa u tletin laqgħa tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fis-6.10pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Vici Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |

| | | |
|---|---|---|
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Assistant Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Residents Parking Scheme*
6. *Performance Bonuses*
7. *Capital Projects 2015*
8. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
9. *Aġġornament*

1 **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 34_15/12/2014

1.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 5.1 u talab li tizdied il-frazi 'Qal ukoll li hemm bzonn tiġi emmendata *central stip* tax-Xatt sabiex ikun hemm sigurta għal min jaqsam miz-*zebra crossing*' *Korrezzjonijiet*

1.3 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 5.8 u talbet li tizdied il-frazi 'Il-Kunsill qabel.'

1.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 5.9 u talbet li tizdied il-frazi 'fil-parking tax-Xatt'

1.5 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti 34_15/12/2014. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti 34_15/12/2014*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Is-Sindku tkellem dwar il-*Playing Field* ta' Gnien Indipendenza u qal li uħud mhux qegħdin juzaw il-bandli għall-iskop tagħhom u qegħda ssir ħsara. Il-Kunsill għandu ħsieb li titwaħħal sistema ta' CCTV. *Sliema Playing Fields*

2.2 Is-Sindku irrefera għall-punt 2.3 dwar CVA għal Triq Bisazza. Is-Sindku informa li ġiet diskussa f'laqgħa tar-Regjun. Ġew infurmati ukoll mit-TM li se jkun hemm promozzjoni biex il-karrozzi b'reġistrazzjoni barranija jibdew jirreġistraw meta jaslu Malta. *CVA - Bisazza*

2.3 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 2.4 dwar il-*bollards* fi Triq Bisazza. Il-Kunsill ġie infurmat li l-*bollard* se tiġi ppostjata u għanda ssir *camera* aktar 'l isfel. Ġie diskuss ukoll li l-ħsara li hemm prezentament saret minħabba dewmien biex tigi msewwija l-bollard l-oħra. Il-Kunsill jaqbel li għandu jmexxi b'kawza kontra min habad fil-bollard. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill se jġib *meter* tad-dawl gdid sabiex il-bollards ta' fuq jahdmu bih. Ġie nnotat ukoll li *discount* min-naħa tal-Alberta kienet se tkun biss ta Ewro 122. Il-Kunsill ġie infurmat li biex ssir il-*bollard* l-oħra din se tiġi tiswa madwar Ewro 3000. Kien hemm qbil li ssir it-tieni *bollard* u wara l-Kunsill jara li toħroġ tender għal manutenzjoni. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-*parts* il-ħziena għandhom jiġu *Bollard - Bisazza*

ritornati l-Kunsill u li għandu jkun hemm xi ħadd prezenti mill-Kunsill meta titwaħħal. Kien hemm qbil dwar dan.

2.4 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera dwar CVA jew *speed cameras* għal Tower Road. Il-Kunsill għandu jikteb lir-Regjun għaliex għandhom l-istess problema lokalitajiet oħra bħal San Giljan, Gzira u xi ħaġa hekk tkun tista ssir fuq bazi Reġjonali. *CVA Tower Road*

*Daħal il-Viċi Sindku fis-18.25*

2.5 Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa dwar Triq is-Salvatur. Is-Segretarju Ezekuttiv talab kjarifika kif irid li jitlob li jsir l-isem u għandu jiġi propost bħala 'Ambjentalista'. Il-Kunsill ġie infurmat li dawn se jiġu approvati wara r-*referendum.* Triq is-Salvatur

2.6 Dwar *resurfacing* għal Triq Manwel Dimech il-Kunsill għandu jerġa jibgħat *reminder* lit-TM. Il-Kunsillier J. Pillow qal li meta jsir ix-xogħol il-Kunsill għandu jiċċekkja li dan ikun sar tajjeb biex ma jerġax jinqala. Għandu jiċċekkja wkoll meta jkun hemm xi servizzi bħal *drainage* etc., li x-xogħol ta' tarmac isir sew. Is-Segretarju qal li kull haga li qatt saret, dejjem giet verifikata u approvata mill-Perit. *Road Resurfacing – Manwel Dimech*

2.7 Il-Kunsilliera L Cassar Shaw saqsiet dwar il-*mobile toilets* li hemm ix-Xatt u jekk hemmx il-ħsieb li jiġu dawk permanenti. Is-Sindku qal li fl-aħħar laqgħa li kellu mal-Ministeru għat-Turizmu qal li għadhom qegħdin jagħmlu studju kif jistgħu jirranġaw dawk ezistenti. *Mobile Toilets – Ix-Xatt*

2.8 Il-Viċi Sindku fakkar li kien tkellem dwar l-Ing. Louis Borg għaliex dan jista jissuġġerixxi xi alternattivi biex jinzamm Gnien Bonello Du Puis mit-tisqija. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li fl-aħħar seduti kien ġibded l-attenzjoni li l-kontijiet qegħdin ikunu għoljin u kien hemm ħsieb li jitpoġġew *solar panels.* *Gnien Bonello Dupuis*

2.9 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li filkaz l-Ing Borg jagħmel studju ta' fejn l-aħjar post jistgħu jiġu *solar panels* u jaħdem il-*costings.* Kien hemm qbil li l-Kunsill isaqsi lil Ing. Borg u eventwalment jimxi skont l-*options.*

2.10 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.2 fejn il-Kunsill kellu jsaqsi lill-MTI dwar *cable* li hemm suspettuz. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li talab għal *inspection* fuq il-post izda ma kienx hemm wisq *feedback.* Kien hemm qbil li dwar *earth leakage* il-Kunsill għandu jkellem lil Enemalta.

2.11 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għal punt 5.11 dwar *culvert* fi Triq it-Torri. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ra fejn qiegħed izomm l-ilma izda ma jistax iniffdu minħabba li hemm *cable* tal-GO fin-nofs. Il-Kunsill għandu jiċċekkja hux qegħin fil-fond filkaz ma jistax isir. *Culvert fi Triq it-Torri*

2.12 Dwar il-punt 4.6 (numru 3) ġie deċiz li l-laqgħa tal-*Finance Committee* se ssir 12 ta' Frar 2015 fil-5pm (wara li tiġi kkonfermata mill-*accountant*). Ġie nnotat li l-laqgħa tal-Kunsill trid issir bejn 16 u 19 t'a Frar minħabba l-approvazzjoni tal-*Financial Statements.* *Finance Committee Meeting*

2.13 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għal Ewro 8000 li l-Kunsill irċieva bħala premju għall-proġett li għamel għal persuni b'dizabilita, u propona li dawn il-flus jintefqu għall-bandli għall-persuni b'dizabilita fi Gnien Bonello Dupuis. Kien hemm qbil dwar dan u għandu jinħareġ tender. *Fondi Proġett persuni b'dizabilita*

2.14 Il-Kunsill irrefera għall-punt 4.3 dwar SSAF u kien hemm qbil li tinħareġ *call for quotation* għal *Events Coordinator.* Il-Kunsill ġie infurmat li *Add More Colours* kienu mistiedna li jattendu l-laqgħa pero ma ġewx. Il-Kunsilliera M. Aquilina u L. Cassar Shaw saqsew għall-aktar informazzjoni għaliex xtaqu li jaraw is-sitwazzjoni miz-zewġ naħat. Il-Kunsilliera P. Portelli u P. Radmilli qalu li hemm sensiela ta' emails li wieħed jista jsegwi. Il-Kunsillier P. Portelli qal li hu kellu theddid ukoll mill-AMC. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien importanti li kieku attendew din il-laqgħa ħalli jkun jista jsegwi kulħadd, pero dawn ma attendewx. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet għaliex AMC ħadu din ir-reazzjoni negattiva. Il-Kunsillier P. Portelli wieġeb li għax skont huma l-Kunsill prova jieħu l-artisti tagħhom. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li la darba ma ġewx huma ma ridux li jiltaqgħu ma kulħadd. Is-Sindku qal li l-impressjoni tidher li jridux jagħmlu dan il-festival mal-Kunsill skond l-kundizzjonijiet taghna. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li importanti li jsir ftehim, pero min-naha l-oħra la darba ma ratx l-emails ma tħossx li tista tieħu deċizjoni. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li l-Kunsill għandu jkollu fiduċja fil-membri ta' kull bord li dak li jghidu huwa minnhu u mhux nipretendu li naraw l-emails kollha tal-Bord. Il-Kunsillier P. Portelli qal li kien qara ittra lill-AMC bħala risposta fil-laqgha tal-Kunsill li ghaddiet u kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha prezenti li tista tintbgħat. Ġie nnotat ukoll li l-Kunsilliera tal-Bord kollha ġew ikkupjati b'dawn l-emails, bhal ma dejjem jigri. Is-Sindku propona li l-Kunsill jimxi fuq ir-rakomandazzjoni tal-bord. Il-Kunsill qabel li għandu jieqaf li *SSAF*

jittratta dan il-festival mal-AMC.

2.15 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-*ice skating rink*. Il-Kunsill għandu jgħid lis-sid biex jirranġa l-*fence* minħabba d-diversi ilmenti li l-Kunsill kellu. *Ice Skating ring*

2.16 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-punt 3.1 dwar id-dawl tax-Xatt u qal li hu tkellem mal-Enemalta li dawn issa bdew isewwu. *Dwal tax-Xatt*

2.17 Il-Kunsillier P. Radmilli tkellem dwar 'no parking stickers'. Il-Kunsill għandu jibda l-proċess biex tintalab l-approvazzjoni tal-*bye laws.* *Bye laws – no parking stickers*

2.18 Il-Kunsillier J. Pillow fakkar dwar il-*bye laws* għall-ispray biex jintuza għall-klieb li joħorġu jħammġu barra fit-toroq. *Bye laws – spray għall-klieb*

2.19 Il-Kunsilliera V. Galea Pace irreferiet għall-punt 2.6 dwar il-muturi li jitħallew fi Triq Bisazza. Ġiet infurmata li kienet ġiet diskussa f'laqgħa li dawn jinzlu x-Xatt li jokkupaw in-naħa ta' Triq Santa Rita. *Muturi fi Triq Bisazza*

2.20 Il-Kunsill J. Pillow irrefera għall-punt 5.3 għat-tappieri fi Triq it-Torri u qal li jixtieq xogħol sew li l-ewwel imur jara l-perit x'hemm bzonn, wara x-xogħol tal-kuntrattur jerġa jmur jiċċertifika l-perit. *Culverts fi Triq it-Torri*

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

3.1 Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

3.2 Is-Segretarju Ezekuttiv irrefera għall-pagament numru 19 fejn qal li l-perit iċċertifika li l-*claim* tal-ħsara kienet raġonevoli u l-Kunsill kellu jħallas.

3.3 Dwar il-*magazine* tal-Kunsill ġie nnotat li l-*magazine* tqassam f'postijiet bħal Fort Cambridge u The Point li hemm diversi postijiet vojta u ma serviex għal ftit toroq oħra. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issuġġeriet li l-Kunsill għandu jsaqsi dwar is-servizz tal-Maltapost u dawn ikunu jafu jekk dar tkunx vakanta jew le. *Tqassim tal-magazine*

3.4 Il-Kunsilliera L. Cassar issuġġeriet li l-*magazine* jintbgħat b'email għal min irid u l-Kunsill jistampa madwar elf kopja u min irid jiġi jiġbor kopja mill-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx għax ir-residenti ma jiġux il-Kunsill biex jiġbru l-kopja tal-magazine. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li skont stħarriġ l-magazine kien l-ewwel għal għazla

ta' l-aħjar komunikazzjoni mill-Kunsill mar-residenti.

3.5 Ġie nnotat il-pagament numru 33 f'isem il-Greenpak. Din se tiġi diskussa fil-*finance committee meeting.*

3.6 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagament numru 54 dwar dizinn ta' tabella/poster għall-*Waste Reduction event* minn *Fat Cat Design* li jiġi jiswa madwar Ewro 650 u li għalih huwa ammont għoli. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li dawn se jiġu rifonduti u l-Kunsill mhux se joħroġ flus għal dan.

3.7 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-pagament li kien sar dwar *online streaming* se jiġi rifondut mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. *Online streaming*

3.8 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-pagament numru 77 dwar il-klassijiet ta' zumba għaliex kien hemm xi ilmenti dwar l-uzu tas-sala fiċ-Centru ta' San Girgor. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill se jsib post alternattiv. *Klassijiet ta zumba*

3.9 Il-Kunsillier M. Briguglio irrefera għall-klasijiet tal-yoga minħabba li ma sabux *teacher* biex il-Kunsill jiċċekkja jekk ġewx inkluzi xorta fil-kontijiet. *Yoga classes*

3.10 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq dokument mis-Sur Mifsud li huwa sid tal-garagg fi Triq Manwel Dimech fejn saqsa jekk il-Kunsill hux se jġedded il-kuntratt. Kien hemm qbil li jiġġedded għal sena oħra. *Garagg – Manwel Dimech*

3.11 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għall-pagament numru 86 dwar l-uzu tal-klassijiet tal-iskola għall-korsijiet LLL. Il-Kunsill irid jiċċekja jekk il-kont reġa ġie imraħħas jew kienet biss ta' darba meta l-Kunsill kien tkellem mal-Ministru tal-Edukazzjoni. *LLL Courses*

3.12 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

## 4. RAPPORTI MIL-KUMITATI U MIS-SOTTO KUMITAT

4.1 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li fil-kumitat tal-Edukazzjoni ġie diskuss li hu sab numru ta' voluntiera biex jagħmlu ftit *talks* lir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier Briguglio informa wkoll li *story telling* fil-librerija tagħna sejjer ħafna aħjar. *Talks lir-residenti*

4.2 Il-Kunsillier J. Pillow saqsa x'għanda antik fil-lokalita bħal per ezempju nistgħux nirranġaw il-faċċata tad-Distillerija ġewwa Tigne. Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill ma jista jirranġa għaliex hemm kuntratt . Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jieħdu ħsieb il-bini ta' din l-istess Distellerija. *Postijiet antiki f'Tas-Sliema*

4.3 Kien hemm qbil ukoll li jiċċaqlaq l-bin minn quddiem l-Alhambra fi Triq Rudolfu. *Bin quddiem l-Alhambra*

4.4 Il-Kunsilllier P. Radmilli fakkar il-proposta li jinqeleb it-*traffic flow* fi Triq Falzon. Il-Kunsill għandu jerġa jibgħat reminder lit-TM. *Triq Falzon*

4.5 Il-Viċi Sindku issuġerixxa li għanda titwaħħal digital display bejn Triq it-Torri u The Point li tindika speed limit. *Digital display*

4.6 Il-Kunsilliera M. Aquilina infurmat li hi flimkien mal-Kunsilliera V. Galea Pace se jorganizzaw il-ħarġa li jmiss għall-Palazz ta' San Anton. *Ħarġa kulturali*

## 5. RESIDENTS PARKING SCHEME

5.1 Is-Sindku tkellem dwar is-sitwazzjoni tal-RPS minħabba l-fatt li din baqgħet tippospona ruħa. Fost id-diversi laqgħat mal-Ministru konċernat li kellu kien ġie diskuss li l-iskema twaqqfet minħabba li hemm pjanijiet għal skemi oħra simili. Is-Sindku qal li hemm bzonn li l-Kunsill jieħu azzjoni għaliex lokalitajiet ohra din ma ġietx imwaqqfa. Il-Kunsilliera M. Aquilina proponiet li ssir laqgħa urġenti mal-Ministru.

5.2 Il-Kunsillier P. Radmilli irrimarka li l-Ministru f'Diċembru li għadda kien qal li se tittieħed deċizjoni fil-kabinet u wara ssir konsultazzjoni mar-residenti u fil-fehma tiegħu ikun aħjar li ssir konsultazzjoni qabel id-deċizjoni.

5.3 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn li l-Kunsill joħroġ pubblikament għaliex il-Kunsill issa stenna għal ħafna zmien. Il-Kunsillier P. Radmilli qabel ma dan. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw se tipprova tgħin biex il-laqgħa mal-Ministru ssir bl-aktar b'mod urġenti. Il-Kunsill xorta għandu jerġa jibgħat b'mod uffiċċjali.

5.4 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet jekk nistgħux nibgħatu lill-Ministru dak li l-Kunsill ilu jitlob għal *Circlar Bus Service*. Is-Sindku qal li rridu naraw xi jgħid il-kuntratt ġid tal-Public Transport kif ukoll il-Kunsill irid jara kemm se tiġi tiswih. Is-Segretarju

Ezekuttiv qal li se jkun hemm bus li se jkollhar-rotta f'Tas-Sliema.

*Il-Viċi Sindku ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fit-20.40*

## 6. PERFORMANCE BONUS

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv prezenta l-*Performance Appraisal reports* tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsill. Huwa stqarr li qed jirrakomanda l-*full performance bonus* ta' 6% għall-ħaddiema klerikali kollha. Il-Kunsill approva u rringrazzja lill-ħaddiema tal-Kunsill għas-servizz effiċjenti tagħhom.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-*Performance Appraisal* tas-Segretarju Ezekuttiv. Il-Kunsill, filwaqt li rringrazzja lis-Segretarju Ezekuttiv għad-dedikazzjoni fil-ħidma tiegħu, approva illi jingħata *full performance bonus* ta' 10%.

## 7. CAPITAL PROJECTS SCHEME

7.1 Is-Sindku tkellem dwar il-fondi għall-proġetti li jingħataw mill-Gvern Centrali u li għalihom il-Kunsill jista japplika fi zmien tlett ġimgħat pero li dawn il-fondi jistgħu jinqassmu ma' diversi Kunsilli oħra li jikkwalifikaw. Is-Segretarju Ezekuttiv saqsa jekk ikunx garantit li l-flus jingħataw lill-Kunsill tagħna, izda jidher li għad m'hemmx linji ta' gwidi ċari. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li jekk mhux ċari ma nkunux nistgħu napplikaw. Is-Sindku qal li hemm possibbilta li tingħata estensjoni għall-applikazzjoni għaliex tlett ġimgħat huma ftit wisq.

7.2 Il-Kunsilliera prezenti għamlu proposti għall-proġetti oħra kif ġej:

a. Michael Briguglio – Nagħtu prijorita għal bankini li qegħdin fi stat ħazin ħafna.

b. Nanette Castaldi Paris – biex isiru kantunieri għall-persuni b'dizabilita

c. Michael Brigulgio – Li jsiru *showers* fil-bajjiet (li jkun bi ħlas minimu għal manutenzjoni) u l-ilma jinzel bil-ħin.

d. Michael Briguglio – Li jingħalaq Chalet almenu nneħħu l-periklu. Il-Kunsill għandu jsaqsi lill-perit dwar x'periklu hemm. Il-Kunsillier J. Pillow qal li l-Kunsill kellu jsaqsi qal intervent mill-Gvern Centrali. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li bgħat lis-Sur Chris Cachia izda għad ma kellniex risposta. Is-SE għandu jibgħat kopja tal-email lill-Kunsilliera L. Cassar Shaw.

e. Pierre Portelli - Proposta għax-Xelter ta' Dingli Circus. Ipprezenta

stima ta' madwar Ewro 12000. Qal li dan ikun jista eventwalment jinkera għall-ezibizzjonjiet jew affarijit oħra simili.

f. Vivianne Galea Pace – Latrini Pubbliċi tax-Xatt kif ukoll Pitch tal-boċċi

g. Vivianne Galea Pace – *Resurfacing* fi Triq Amery ma Borg Olivier

h. Paul Radmilli – Li ssir forma ta' *park and ride* (Manoel Island) u jkun hemm *car park* fl-Universita u li jkun hemm trasport bid-dgħajjsa għal postijiet f'Tas-Sliema

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li min ikollu aktar ideat għall-proġetti kapitali jista jibgħat email u jsegwi d-*deadline* li tingħata.

## 8. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

8.1 Il-Kunsillier P. Radmilli infurma li l-kuntratt dwar ir-*recycling* ġie estiz għall-Marzu biex il-kumitat ikun jista jifformola gwidi għal tender ġdid. Ġew diskussi punti għal *expression of interest* fosthom: *Recycling – Tender*

1. Jinkludu blocks ta' appartamenti kbar
2. Jekk ikun hemm proġetti tal-UE juzaw lil Tas-Sliema
3. Juzaw trukkijiet
4. Izommu l-istess ġranet
5. Bring in sites
6. Issir kampanja edukattiva
7. Negozjanti

8.2 Kien hemm qbil li jinħareġ *expression of interest* u data tal-għeluq tkun il-Ġimgha 13 ta' Frar 2015.

8.3 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li ntellgħu fuq *facebook* ġurnata qabel li jinġabar il-ħġieġ biex infakkru lir-residenti. Kien hemm qbil dwar dan. *Recycling –Glass*

8.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li s-sistema ta' traffiku fi Triq Dun Mikiel Rua mhiex qegħda tiffunzjona. Ġie nnotat li din għada on *trial basis.* Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li din titneħħa. *Don Mikiel Rua*

8.5 Il-Kunsilliera M. Aquilina fakkret li issa telaq ħaddiem tal-IPSL u l-Kunsill spiċċa b'ħaddiem wieħed. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li jekk hemmbzonn flok indaħħlu ħaddiem klerikali fl-uffiċċju l-Kunsill jimpjega handyman. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li x-xogħol ta' barra se jidher iktar allura hemm bonn ta' handyman *Handyman għall-Kunsill*

mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex jinbeda l-proċess għall-impieg ta' handyman. Il-Kunsill qabel ukoll li importanti malli jiġi impjegat l-handyman il-ġdid izomm mar-regolamenti tal-kuntratt u l-ħinijiet tal-Kunsill.

8.6 Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn persuni biex ikunu jistgħu jibdew proġett bl-isem 'Windrose' li jkunu jistgħu jibnu struttura fuq il-bajja ta' Fond Għadir li għanda x'taqsam mar-riħ. Dawn se jkun u qegħdin jitolbu l-opinjoni tal-pubbliku. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan il-proġett. *Windrose project*

## 9. AGGORNAMENT

9.1 Is-Seduta spiċċat fl-21.49pm. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015 fis-6pm

Minuti approvati llum 18 ta' Frar 2015

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**